**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**3 ta' Gunju 2019**

**Rikors Numru 127/2018**

**Frank A. Said**

**Vs**

**Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Frank A. Said** ipprezentat fl-4 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Dan huwa appell minn decizjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet tal-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018) li fiha giet michuda talba tal-esponenti biex jakkwista porzjon raba' fi Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex, li tinsab biswit il-fond proprjeta' tieghu bin-numru 74, fi Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex, u liema decizjoni l-appellanti rceviha fis-sbatax (17) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018).*

*Skond din id-decizjoni, it-talba tal-appellanti giet michuda "peress li kien hemm oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar".*

*Illi l-esponenti jhossu aggravat minn din is-sentenza tal-Awtorita' tal-Artijiet, u ghaldaqstant huwa qieghed jinterponi umli appell minnha.*

*Illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*1. Illi fl-ewwel lok, l-appellanti jhossu aggravat mill-fatt illi l-unika motivazzjoni ghac-cahda ghat-talba tieghu da parti tal-Awtorita' tal-Artijiet kienet ghaliex "kien hemm oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar".*

*Bir-rispett kollu, l-esponenti huwa tal-fehma illi tali decizjoni tmur kontra d-dritt fundamentali li wiehed jigi nfurmat bil-motivazzjonijiet tad-decizjoni mehuda kontra tieghu u li jinghata d-dritt li jappella mill-istess decizjoni, jekk ihoss li tali decizjoni ma hiex wahda gusta.*

*Illi fil-fatt, fil-kawza fl-ismijiet "**Raymond Gauci vs Il-Pulizija et"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2002 gie ritenut mill-Qorti li bzonn ta' decizjoni motivata, huwa mplicitament konness mal-principju ta' smiegh xieraq li huwa protett fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan gie anka rikonoxxut fil-Qrati, bhal fil-kaz "**Van de Hurk vs The Netherlands**" deciz fid-19 ta' April 1994.*

*Illi tant huwa minnu dan li nghad li, "[t]his power of requiring a reasoned decision is illustrated in the De Moor Case (23rd June 1994). The reasoned decision in this case revealed that it had been taken on a basis not open to the judge. The hearing could not be fair if the decision was based on a reason which was not legally valid."*

*Illi inoltre fil-ktieb kwotat fl-kawza **Gauci vs Il-Pulizija et**, **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right to a Fair Trial"** ta' **Andrew Grotrian** jinghad is-segwenti:*

> *"The requirement of a fair hearing also supposes that a court will give reasons for its judgement. Whereas national courts are allowed considerable discretion as to the structure and content of the judgments, they must indicate with sufficient clarity the grounds on which they base their decision so that the accused may usefully exercise the right of appeal available to him."*

*Illi fil-fatt dan jinsab provdut anke fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:-*

> *"Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinaghtaw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet tal-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut".*

*Illi fil-kaz odjern, ghalkemm l-esponenti ghandu dritt jaghmel l-appell tieghu, kif fil-fatt huwa qed jaghmel, dan id-dritt gie essenzjalment stultifikat stante li l-unika motivazzjoni li inghata kienet li "kien hemm oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar".*

*Fil-fatt l-esponenti lanqas gie nfurmat fuq liema bazi legali, gialadarba saret l-oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar, awtomatikament fisser illi l-Awtorita' tal-Artijiet kellha tichad it-talba tal-esponenti, u wisq inqas gie nfurmat liema kienet ir-raguni jew liema kienet il-bazi legali ghaliex l-Awtorita' tad-Djar oggezzjonat ghall-applikazzjoni tieghu.*

*Ghalhekk jirrizulta carament illi kemm id-dritt fundamentali tal-esponenti li jinghata motivazzjoni ghad-decizjoni tal-Awtorita tal-Artijiet, kemm id-dritt fundamentali tal-appell u kif ukoll id-dritt fundamentali tal-esponenti ghall-smiegh xieraq gew ilkoll stultifikati u lezi bid-decizjoni tal-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018).*

*Ghaldaqstant, dan it-Tribunal ghandu jilqa' dan l-appell.*

*2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jhossu aggravat minn din id-decizjoni stante, li ghalkemm l-Awtorita' tal-Artijiet qed tibbaza c-cahda tat-talba tal-*

*esponenti fuq "l-oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar", l-istess Awtorita' tad-Djar, permezz tal-ittra tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A) b'risposta ghall-ittra tal-esponenti datata disgha' (9) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. B), kienet stqarret is-segwenti:*

> *"Nixtieq ninfurmak li l-art li l-klijent tieghek jixtieq jakkwista mhijiex tal-Awtorita' tad-Djar. Ghalhekk din l-applikazzjoni ma tistax tigi milqugha mill-Awtorita' tad-Djar."*

*Illi permezz ta' din l-ittra l-Awtorita' tad-Djar stqarret carament illi l-art li l-esponenti jixtieq jakkwista permezz tal-applikazzjoni tieghu, u cioe' porzjon raba' fi Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex, li tinsab biswit il-fond proprjeta' tieghu bin-numru 74, fi Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex (referenza tal-fond 74 - HOS1784/81), mhijiex tal-Awtorita' tad-Djar, u li hija ghalhekk ma setghetx tilqa' l-applikazzjoni tieghu.*

*Ghalhekk, la darba l-art mhijiex tal-Awtorita' tad-Djar, u l-istess Awtorita' tad-Djar qed tghid li hi ma setghetx tilqa' it-talba tal-esponenti, bir-rispett, l-esponenti ma jistax jifhem kif l-Awtorita' tal-Artijiet qed tistrieh fuq l-oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar sabiex tichad it-talba tal-esponenti.*

*Illi huwa ben maghruf li jekk wiehed ma ghandux jedd fuq xi proprjeta' huwa ma ghandux dritt jittrasferixxi l-istess proprjeta' jew jaghti drittijiet fuqha lill-terzi. Inqas u inqas ghandu dritt jiddetta dwar xi jsir mill-istess proprjeta', kif donnha qed tghid l-Awtorita' tal-Artijiet permezz tad-decizjoni li qed tigi appellata.*

*Ghaldaqstant, la darba, l-Awtorita' tal-Artijiet qalet li din kienet l-unika raguni ghaliex giet michuda l-applikazzjoni tal-esponenti, dan it-Tribunal ghandu jilqa' dan l-appell, u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet.*

*3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, u stante li l-esponenti ma jafx x'kienet il-motivazzjoni vera wara l-oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar, l-esponenti qed jiddikjara illi huwa dispost jaghti access ghall-inspection chamber tad-drenagg li tinsab fir-raba' in kwistjoni, lid-Dipartiment ikkoncernat. Fil-fatt l-esponenti dispost jintrabat li jaghmel dan fil-kuntratt ta' akkwist relattiv, anka billi jintrabat li jaghti cavetta tal-bieb ta' kwalunkwe zvilupp li jista' ghad isir fl-istess raba', sabiex ufficjali mid-Dipartiment ikkoncernat jkollhom access ghall-istess inspection chamber tad-drenagg, kull meta dawn jigu bzonn.*

*Illi l-esponenti kien gia' nforma b'dan kemm lill-Awtorita' tad-Djar u kemm lill-Awtorita' tal-Artijiet permezz tal-imsemmija ittra datata disgha' (9) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018).*

*Inoltre, jekk din is-soluzzjoni mhijiex accettabli ghall-Awtorita' tad-Djar u ghall-Awtorita' tal-Artijiet, l-esponenti jiddikjara ukoll illi huwa lest ukoll jaghti access ghall-inspection chamber tad-drenagg, kif spjegat mill-Perit Alex Bigeni fir-rapport tieghu, billi jhalli mhuz zvillupat kuritur ta' metru wisa' u 2.60 metri gholi fuq is-sewer main biex ikun hemm access liberu u permanetni ghas-sewer main u ghall-inspection chamber tad-drenagg (kopja tar-rapport qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. C). Huwa lest li jintrabat li jaghmel dan fil-kuntratt ta' akkwist relattiv.*

*Fid-dawl tal-premess, il-mittenti huwa tal-fehma li l-imsemmija applikazzjoni kellha tigi milqugha, bil-konsegwenza li dan l-appell ghandu jigi milqugh."*

Ra r-risposta tal-Awtortia` intimata pprezentata fl-24 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-
"

1. *Illi r-rikorrent talab l-Awtorita` esponenti permezz ta' applikazzjoni numru GLA1/2018/0202 liema applikazzjoni hija datata ħamsa u għoxrin (25) ta' April elfejn u tmintax (2018) 'Request for site adjacent to Plot 75 HOS Victora Gozo'.*

2. *Illi l-Awtorita` tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 30 ta' Ottubru, 2018 irrifjutat il-kunsens tagħha fil-prinċipju (Disposal by Tender) fuq il-fond 'Site at Triq Wied is-Seqer, Rabat, Għawdex' "peress li kien hemm oġġezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar".*

3. *Illi r-rikorrent tenna illi ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Awtorita` tal-Artijiet, u għaldaqstant huwa qiegħed jinterponi umli appell minnha. Dawn l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:*

 *a. Illi fI-ewwel lok, I-appellanti ħassu aggravat mill-fatt illi I-unika motivazzjoni għaċ-ċaħda għat-talba tiegħu da parti taI-Awtorita` taI-Artijiet kienet għaliex "kien hemm oġġezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar". Ir-rikorrenti iħoss illi tali deċiżjoni tmur kontra d-dritt fundamentali li wieħed jiġi nfurmat bil-motivazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda kontra tiegħu u li jingħata d-dritt li jappella mill-istess deċiżjoni, jekk iħoss li tali deċiżjoni ma hiex waħda ġusta.*

 *b. Fit-tieni lok, I-esponenti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni stante, li għalkemm I-Awtorita` tal-Artijiet qed tibbaża ċ-ċaħda tat-talba tiegħu fuq "I-oġġezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar", I-istess Awtorita` tad-Djar, permezz tal-ittra tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) stqarret illi I-art li l- esponenti jixtieq jakkwista permezz tal-applikazzjoni tiegħu, u ċioe' porzjon raba' li Triq Wied is-Seqer, Rabat, Għawdex, li tinsab biswit il-fond proprjeta' tiegħu bin-numru 74, fi Triq Wied is-Seqer, Rabat, Għawdex (referenza tal-fond 74 - HOS1784/81), mhijiex tal-Awtorita` tad-Djar, u li hija għalhekk ma setgħetx tilqa' I-applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, la darba I-art mhijiex tal-Awtorita' tad-Djar, u I-istess Awtorita' tad- Djar qed tgħid li hi ma setgħetx tilqa' it-talba tiegħu ma jistax jifhem kif I-Awtorita' tal-Artijiet qed tistrieħ fuq I-oġġezzjoni tal- Awtorita` tad-Djar sabiex tiċħad it-talba tal-esponenti.*

 *c. Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, u stante li I-esponenti ma jafx x'kienet il-motivazzjoni vera wara I-oġġezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar, l-esponenti qed jiddikjara illi huwa dispost jagħti aċċess għall-inspection chamber tad-drenaġġ li tinsab fir-raba' in kwistjoni, Iid-Dipartiment ikkonċernat. Fil-fatt l-esponenti dispost jintrabat li jagħmel dan fil-kuntratt ta' akkwist relattiv, anka billi jintrabat li jagħti ċavetta tal-bieb ta' kwalunkwe żvilupp li jista' għad isir fl-istess raba', sabiex uffiċjali mid-Dipartiment ikkonċernat jkollhom aċċess għall- istess inspection chamber*

*tad-drenaġġ, kull meta dawn jiġu bżonn.*

4. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita` tal-Artijiet illi "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant l-Awtorita` kienet fid-dittijiet pjeni tagħha li tiehu tali decizjoni;*

5. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjonijiet tagħha fuq il-fatti li kellha quddiemha;*

6. *Illi rigward l-aggravji l-Awtorita` tirribatti illi hija għandha kull dritt illi tqis kull oġġezzjoni, ġejja minn fejn hi ġejja, speċjalment meta tkun ġejja minn awtorita' governattiva oħra, stante illi l-Awtorita' tal-Artijiet tirrappreżenta l-interessi tal-gvern bl-istess mod illi awtoritajiet oħra jagħmlu dan, u jekk tħoss illi tali oġġezzjoni hija valida tista' liberalment toħodha bħala bażi għad deċiżjoni tagħha;*

7. *Illi fil-fatt l-oġġezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar kienet li d-Dipartiment tal-Artijiet, li preċeda l-Awtorita', kellu oġġezzjoni, hekk kif jidher ċar mill-ittra tal-4 ta' Mejju, 1995 u li għaliha kien hemm diversi riferenzi anka f'email mibgħuta sabiex tikkonferma jekk il-pużizzjoni tal-Awtorita' tad-Djar inbidlitx (ara Dok A anness) ;*

8. *Illi l-Awtorita' meta evalwat is-sitwazzjoni ħasset illi in vista li kien hemm manhole fuq il-propjeta' ma jkunx idoneu illi, kif pin-pointed mill-Awtorita' tad-Djar, din tiġi maħruġa b'tender;*

9. *Illi rigward l-aggravji fit-totalita' tagħhom u bla preġudizzju għas-suespot id-deċiżjoni mill-Awtorità intimata dwar l-imsemmija applikazzjoni kienet meħuda wara li ġie kkunsidrat l-aħjar użu illi għandu jsir mis-sit in kwistjoni, skond il-prinċipju tar-raġonevolezza u liema ragunijiet gew debitament notifikati lir-rikorrenti;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrenti."*

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` ta' l-Artijiet datata 30 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha l-applikazzjoni tieghu sabiex jakkwista porzjon raba fi Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex, giet michuda stante *"li kien hemm oggezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar."*

**Ir-rikorrent** stqarr illi biswit il-fond proprjeta` tieghu bin-numru 74, Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex, hemm bicca raba li fiha hemm *inspection chamber* tad-drenagg. Ghalhekk huwa talab lill-Awtorita` intimata biex l-istess art tohrog b'*tender*. Jispjega wkoll illi f'Ottubru 2018 huwa kien kiteb lill-Awtorita` tad-Djar li f'kaz li l-applikazzjoni tieghu tintlaqa' mill-Awtorita` intimata huwa kien dispost jaghti access ghall-*inspection chamber*. Madankollu l-Awtorita` tad-Djar infurmatu li l-art in kwistjoni mhijiex taghha. Huwa xehed illi huwa lest li jaccetta diversi kundizzjonijiet jekk din ir-raba tigi trasferita lilu, fosthom li jkun hemm access liberu u permanenti ghas-*sewer main* u ghall-*inspection chamber* tad-drenagg.

**Il-Perit Alex Bigeni**, inkarigat mir-rikorrent, spjega l-izvilupp li r-rikorrent behsiebu jaghmel fuq din l-art jekk tigi akkwistata minnu. Jispjega li bl-izvilupp propost l-pajp tad-drenagg se jibqa' dejjem accessibbli anke jekk fuqu jigi msaqqaf.

**Karl Borg,** *Manager* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi l-art in kwistjoni hija l-uniku *plot* li ma giex trasferit lill-Awtorita` tad-Djar u dan stante li kien hemm *manhole*. Jispjega li fl-1996 din l-art kienet diga giet mitluba lill-predecessur tal-Awtorita` minn certu Anthony Said u t-talba kienet giet rifjutata minhabba l-kwistjoni tal-*manhole*. Jispjega li fl-1995 l-predecessur tal-Awtorita` intimata kien kiteb lil Dr. Michael Grech li minhabba l-*manhole* ezistenti id-Dipartiment kien tal-fehma illi ma kellux jiddisponi mill-art in kwistjoni.

**L-Inginier Charles Camilleri**, ufficjal tal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma, spjega li l-*manhole* in kwistjoni hija xaft fond 'l isfel minn fejn ghaddejja mina li tilqa' drenagg li jkun gej mill-irhula tal-Ghasri u tal-madwar. Jispjega wkoll illi din il-*manhole* hija wahda mill-ftit accessi li hemm ghal din il-mina. Jispjega kif il-*plot* illum diga huwa limitat kif wiehed jista' jahdem ghaliex jekk ikun hemm htiega li persuna tinzel fil-mina irid jintrama' *high up* u jkollu pajpijiet tal-arja u ghalhekk ikun impossibbli li ssir operazzjoni simili jekk ikun mibni, anke jekk jinbena biss l-ewwel sular u tahtu jithalla vojt.

Wara li xehed l-Inginier Charles Camilleri, ir-rikorrent rega' xehed u spjega illi huwa kien lest li jhalli l-*plot* vojt bla bini u jinfethu biss twieqi ghal fuqha.

**Ikkunsidra**

Illi l-applikazzjoni odjerna tirrigwarda talba mir-rikorrent sabiex bicca raba li hemm biswit il-fond tieghu gewwa Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex tinhareg b'*tender*. L-Awtorita` intimata irrifjutat tali talba stante li kien hemm oggezzjoni da parti tal-Awtorita` tad-Djar.

Mill-atti jirrizulta illi din l-art hija proprjeta` tal-Gvern u qatt ma giet trasferita lill-Awtorita` tad-Djar proprju ghax fiha hemm *manhole* li tilqa' d-drenagg minn xi rhula gewwa Ghawdex. Illi t-Tribunal se jaghti *iter* kronologiku ghall-ahjar intendiment tal-kawza:

1. Fis-16 ta' Jannar1995 din l-art kienet intalbet lill-Awtorita` tad-Djar minn certu Mario Camilleri,[1] liema talba giet rifjutata mill-istess Awtorita` fl-4 ta' Mejju 1995 minhabba l-ezistenza tal-imsemmija *manhole*.[2] Dan ir-rifjut kien jaqra testwalment hekk *"With reference to your letter dated 16th January 1995, I have been directed to inform you that in view of the existing manhole, the Lands Department feels that land in question should not be disposed of.*
   *Moreover this land in caption belongs to the Lands Department.*
   *Any further correspondence should be addressed to Lands Department"*[3]
2. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Ottubru 1996 certu Anthony Said talab biex jakkwista l-imsemmija art;[4]
3. F'April 2018 ir-rikorrent talab lill-Awtorita` intimata sabiex jixtri l-art in kwistjoni;[5]
4. Fid-9 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrent kiteb lill-Awtorita` tad-Djar fejn gharrafha li huwa ghamel applikazzjoni mal-Awtorita` intimata sabiex jakkwista l-art in kwistjoni. Fl-istess ittra huwa ddikjara li kien dispost jaghti kwalunkwe access ghall-*inspection chamber* tad-drenagg li tinsab fl-istess art lid-Dipartiment koncernat.
5. Fl-24 ta' Ottubru 2018 l-Awtorita` tad-Djar wiegbet illi l-art in kwistjoni ma kinitx taghha;
6. Fl-20 ta' Ottubru 2018 il-Bord tal-Gvernaturi ircieva *board memo* fejn fir-rakkomandazzjonijiet intqal is-segwenti: "*Disposal of site is not recommended in view of the existing manhole. Email at Red 122 from Housing Authority reconfirming that land in question still should not be disposed of."*[6]
7. Illi fit-30 ta' Ottubru 2018 il-Bord tal-Gvernaturi qabel mar-rakkomandazzjoni fil-*board memo* u cahad it-talba;[7]
8. Fl-1 ta' Novembru 2018 l-Awtorita` intimata bghatet id-decizjoni lir-rikorrent, fejn ir-raguni ghar-rifjut kienet *"peress li hemm oggezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar."*[8]
9. Permezz ta' email datata 20 ta' Jannar 2019 l-Awtorita tad-Djar infurmat lir-rikorrent bis-segwenti:-

---

1 A fol. 108
2 A fol. 115
3 A fol. 28
4 A fol. 77
5 A fol. 78
6 A fol. 76
7 A fol. 75
8 A fol. 109

*"Dear Mr. Said,*
*Reference is made to the attached letter dated 1st November, 2018.*
*I wish to inform you that the land in question is Government owned (Lands Authority).*
*In 1994 the Lands Dept. informed the Housing Authority that in view of the existing manhole, the department (Lands Dept.) did not feel that the land in question should be disposed of.*
*The Housing Authority has not objected to the sale of this land but it took notice of the Lands Department's position and communicated this position when a request for the sale of this land was incorrectly addressed to the Housing Authority."*[9]

Illi ghalhekk, ghalkemm fl-1995 l-art in kwistjoni kienet intalbet lill-Awtorita` tad-Djar, l-istess Awtorita` kienet infurmat lil Mario Camilleri li **d-Dipartiment tal-Artijiet kien qieghed joggezzjona.** Kwindi fil-verita` ma kinitx l-Awtorita` tad-Djar li kienet qieghda toggezzjona kif imsemmi fid-decizjoni appellata izda d-Dipartiment ta' l-Artijiet innifsu.

Ghalhekk jirrizulta car illi l-Bord tal-Gvernaturi meta gie biex jiddeciedi t-talba seta' zgwida ruhu mill-*board memo* ipprezentata lilu u ta raguni li fil-verita` ma kinitx korretta. Dan it-Tribunal pero` ma jistghax pero` ma jinnotax li fil-minuti tal-Bord tat-30 ta' Ottubru 2018 (esebita a fol. 110) jirrizulta li wara li tnizzel min kien prezenti, gie mnizzel is-segwenti :

*"**Disposal by Tenders***

***8. GLA1/2018/0202 icw L/565/1988 applikazzjoni ta' Mr. Frank Said – Site at Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex.***

*Disposal by Tender. Qieghed jigi rakkomandat li **t-talba tigi milqugha**.*[10]

*Il-Bord **jaqbel mar-rakkomandazzjoni**[11] u jiddeciedi **li jichad it-talba**[12] in vista tal-oggezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar."*

Illi fil-verita`, ir-rakkomandazzjoni fil-*board memo* kienet li t-talba tigi rifjutata. Madankollu fil-minuti tnizzel bil-kontra u wara dan pero` il-Bord iddikjara li qieghed jqbel mar-rakkomandazzjoni u ddecieda li jichad it-talba. Jidher car li x'imkien hemm zball.

Ghalhekk, **minghajr ma jidhol fil-mertu**, it-Tribunal ihoss li ghandu jannulla d-decizjoni appellata stante li skont il-Bord kien hemm oggezzjoni da parti tal-Awtorita` tad-Djar mentri fil-fatt tali oggezzjoni ma jirrizultax li kien hemm ghaliex l-oggezzjoni fil-fatt kienet tad-Dipartiment tal-Artijiet innifsu. Dan l-izball jirrendi l-istess decizjoni monka. Ghaldaqstant, il-Bord tal-Gvernaturi

[9] A fol. 50
[10] Enfasi tat-Tribunal
[11] Enfasi tat-Tribunal
[12] Enfasi tat-Tribunal

ghandu jerga' jiehu konjizzjoni tal-istess talba, jara l-*file* dipartimentali u jerga' jiddeciedi mill-gdid dwar it-talba tar-rikorrent.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet **biss** hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jichad r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**